



L-Istħarriġ Ewropew tal-Kumpaniji 2009: Ir-rappreżentazzjoni tal-impjegati fuq livell ta' stabbiliment fl-Ewropa

Sommarju Eżekuttiv

Introduzzjoni

Fil-kumpaniji madwar l-Ewropa nsibu diversi tipi ta' rappreżentazzjoni tal-impjegati li huma prevalenti: dawn jinkludu kunsilli tax-xogħlijiet, trejtdjunjins, kumitati speċjali, rappreżentanti tas-saħħa u s-sigurtà u delegati tal-ħaddiema. Dan ir-rapport jesplora l-istrutturi prinċipali tar-rappreżentazzjoni tal-impjegati fil-livell tal-post tax-xogħol fis-27 Stat Membru u fi tliet pajjiżi kandidati (dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, il-Kroazja u t-Turkija). Huwa bbażat fuq żewġ sorsi ta' informazzjoni: 1) Is-sejbiet tal-Istħarriġ Ewropew tal-Kumpaniji (ECS - European Company Survey) tal-2009; u 2) skedi informattivi tal-pajjiżi prodotti minn korrispondenti nazzjonali tal-Osservatorju Ewropew tar-Relazzjonijiet Industrijali (EIRO - European Industrial Relations Observatory).

Is-sejbiet tal-ECS huma bbażati fuq intervisti fuq it-telefown ma' manigera tar-riżorsi umani f'iżjed minn 27,000 stabbiliment, kif ukoll ma' iżjed minn 6,500 rappreżentant tal-impjegati. Id-dejta li tirriżulta tagħti valur miżjud uniku, għaliex id-disponibilità tad-dejta dwar ir-rappreżentazzjoni tal-impjegati fuq livell nazzjonali tvarja ħafna. Fuq livell Ewropew, is-sejbiet joffru l-opportunità ta' tqabbil bejn il-pajjiżi, tas-sitwazzjoni rigward ir-rappreżentazzjoni tal-impjegati fl-Ewropa u għalhekk jistgħu joffru kontribut importanti fid-dibattitu dwar l-implimentazzjoni ta' regolament dwar l-informazzjoni u l-konsultazzjoni fuq il-post tax-xogħol.

Kuntest tal-politika

F'ħafna pajjiżi, ir-rappreżentazzjoni tal-interess istituzzjonalizzata tal-impjegati evolva matul ħafna deċenni u illum hija karatteristika stabbilita tad-demokrazija industrijali. F'xi Stati Membri, bħall-pajjiżi tal-Ewropa tal-Lvant, dawn l-istrutturi huma fenomenu relattivament ġdid. Matul id-deċennu li għadda, id-Direttiva 2002/14/KE tal-UE dwar l-informazzjoni u l-konsultazzjoni kellha rwol importanti fl-iffurmar tal-istrutturi tar-rappreżentazzjoni tal-impjegati fuq il-post tax-xogħol.

Sejbiet ewlenin

Il-varjetà ta' strutturi rappreżentattivi madwar l-Ewropa tirrifletti tradizzjonijiet differenti fir-relazzjonijiet industrijali kif ukoll il-ħiliet differenti tal-atturi kollettivi sabiex jibdeu xi forma ta' konsultazzjoni ma' min iħaddem dwar kwistjonijiet tal-ħaddiema. Skont l-ECS, il-pajjiżi jaqgħu taħt erba' kategoriji fir-rigward tat-tip ta' rappreżentazzjoni prevalenti fuq livell ta' kumpanija:

- Kanal uniku ta' rappreżentazzjoni, fejn il-kunsilli tax-xogħlijiet huma l-unika struttura rappreżentattiva eliġibbli tal-impjegati: l-Awstrija, il-Ġermanja, il-Lussemburgu u l-Pajjiżi l-Baxxi.
- Rappreżentazzjoni fuq żewġ kanali fejn jistgħu jinstabu ż-żewġ tipi ta' rappreżentazzjoni iżda l-kunsilli tax-xogħlijiet għandhom rwol iżjed b'saħħtu: il-Belġju, Franza, l-Italja u Spanja (fil-każ ta' Spanja, l-istħarriġ staqsa biss dwar il-preżenza tal-kunsilli tax-xogħlijiet u mhux tat-trejtdjunjins). F'xi Stati Membri, is-sistema bbażata fuq il-unjins flimkien mal-bidliet reċenti fil-leġiżlazzjoni dwar il-kunsilli tax-xogħlijiet jidher li wasslet biex tibda titrawwen l-idea tal-istabbiliment tal-kunsilli tax-xogħlijiet: l-Estonja, is-Slovakkja, l-Ungerija, ir-Rumanija, il-Latvja, il-Polonja, ir-Renju Unit u, fuq livell inqas, l-Irlanda.
- Rappreżentazzjoni fuq żewġ kanali, *bix-shop stewards* tat-trejtdjunjins ikollhom rwol prominenti: id-Danimarka, il-Finlandja, il-Portugall, is-Slovenja, il-Kroazja.
- Rappreżentazzjoni fuq kanal uniku, bit-trejtdjunjins ikunu l-uniku korp ta' rappreżentazzjoni tal-impjegati: Ċipru, Malta, Svezja, il-FYROM u t-Turkija.

Inċidenza u kopertura

L-ogħla inċidenza ta' rappreżentazzjoni tal-impjegati fuq il-post tax-xogħol tinstab fid-Danimarka, fl-Isvezja u fil-Finlandja, segwiti mill-Belġju, Spanja u l-Lussemburgu. L-inqas inċidenza nstabt fil-Greċja, fil-Portugall, f'Malta, fit-Turkija, fir-Repubblika Ċeka u fl-Awstrija. Bħala regola ġenerali, l-Istati Membri l-ġodda jirreġistraw livelli baxxi jew medji, ħlief ir-Rumanija, li għandha wieħed mill-ogħla livelli.

F'termini ta' kopertura, l-istampa hija simili, bi ftit pajjiżi illi għandhom livell għoli: dawn jinkludu l-Lussemburgu, Franza, il-Kroazja, il-Polonja u l-Awstrija (fejn l-istrutturi tar-rappreżentazzjoni huma iżjed ikkonċentrati fl-istabbilimenti l-kbar); u Spanja, is-Slovakkja, Ċipru, il-Latvja u l-Estonja (iżjed prevalenti fl-korporazzjonijiet ż-żgħar).

Impjegati illi mhumiex koperti b'xi forma ta' rappreżentazzjoni legali fuq livell korporattiv xorta waħda jistgħu jkunu koperti bir-rappreżentazzjoni tal-impjegati eliġibbli fuq livell ta' kumpanija jew b'xi korp ad hoc. Il-pajjiżi li għandhom għadd relattivament kbir ta' korpi ad hoc huma dawk li fihom il-kunsilli tax-xogħlijiet huma l-unika korp li jeżisti, jew għallinqas il-kunsilli tax-xogħlijiet huma l-forma predominanti f'sistema ta' żewġ kanali (pereżempju, fil-Lussemburgu, il-Ġermanja, Franza, il-Pajjiżi l-Baxxi, il-Latvja, l-Irlanda u l-Awstrija).

Livelli minimi ta' referenza

Ħafna mill-pajjiżi jkollhom livelli minimi ta' referenza fissi għall-kunsilli tax-xogħlijiet, iżda mhux għar-rappreżentazzjoni tat-trejdjunjins. F'xi pajjiżi, bħal-Lussemburgu u l-Pajjiżi l-Baxxi, minn ċertu livelli ta' referenza 'l quddiem, l-istabbiliment ta' kunsilli tax-xogħlijiet huwa obbligatorju. F'pajjiżi oħra, f'konformità mar-rekwiżit tad-Direttiva dwar l-Infurmazzjoni u l-Konsultazzjoni, min iħaddem għandu jiżgura li, fi stabbilimenti ta' iżjed minn 50 impjegat, ikun hemm strutturi adegwati ta' infurmazzjoni u konsultazzjoni tal-impjegati tagħhom. Xi pajjiżi għażlu li jkollhom livelli minimi ta' referenza iżjed baxxi (pereżempju, għal stabbilimenti b'iżjed minn 30 impjegat fil-każ tal-Estonja). Jidher illi m'hemmx rabta ċara bejn il-livelli ta' referenza u r-rata proprja tar-rappreżentazzjoni: pajjiżi b'livelli ta' referenza legali iktar baxxi ma jfissirx li jkunu dawk il-pajjiżi li jkollhom rati ogħla ta' rappreżentazzjoni.

Meta jkun hemm żewġ forum ta' rappreżentazzjoni, jidher li f'ħafna pajjiżi jkun hemm ċertu diviżjoni fl-oqsma ta' rappreżentazzjoni: it-trejdjunjins jiffukaw iżjed fuq in-negozjar kollettiv filwaqt illi l-kunsilli tax-xogħlijiet huma involuti iżjed fl-infurmazzjoni u l-konsultazzjoni. Iż-żewġ forum tar-rappreżentazzjoni tal-impjegati jistgħu jinstabu fis-setturi kollha. Madankollu jidher illi t-trejdjunjins jikkonċentraw iżjed fis-settur pubbliku, filwaqt illi l-kunsilli tax-xogħlijiet huma iżjed preżenti fil-qasam tal-produzzjoni u fis-setturi tas-servizzi privati.

Daqs tal-kumpanija

Stabbilimenti iżgħar, b'mod partikolari fil-pajjiżi li għandhom sistemi ta' kunsilli tax-xogħlijiet, ġeneralment huwa iktar probabbli li jużaw il-forma ta' rappreżentazzjoni ad hoc. L-eċċezzjonijiet għal din ir-regola huma Spanja, Ċipru, Malta, it-Turkija, il-Bulgarija, l-Istati Baltiċi, il-Portugall, il-Greċja u r-Renju Unit, fejn kunitati ad hoc mhumiex partikolarment ikkonċentrati fost l-istabbilimenti ż-żgħar. Ġeneralment, kważi dawn il-pajjiżi kollha għandhom livelli aktar baxxi ta' rappreżentazzjoni baxxa, u għalhekk, stabbilimenti ikbar ta' spiss ukoll jużaw forum ta' rappreżentazzjoni ad hoc.

Bl-istess mod, trejdjunjins jikkonċentraw fuq l-istabbiliment ta' strutturi ta' rappreżentazzjoni fi f'dan kumpaniji ikbar, u b'hekk ikopru partijiet ikbar tal-forza tax-xogħol, filwaqt illi l-kunsilli tax-xogħlijiet (bħala korpi uniċi) ukoll għandhom it-tendenza li jinstabu fi stabbilimenti iżgħar. Dan huwa interessanti għaliex fil-maġġorparti tal-pajjiżi, il-livelli minimi ta' referenza biex tiġi stabbilita rappreżentazzjoni trejdjunjonistika fuq livell ta' kumpanija huma baxxi jew ineżistenti, filwaqt illi l-livelli minimi ta' referenza għall-kunsilli tax-xogħlijiet huma ġeneralment ogħla. L-eċċezzjonijiet f'dan ir-rigward huma l-Finlandja, id-Danimarka u l-Belġju, fejn it-trejdjunjinis huma ikkonċentrati wkoll fl-istabbilimenti ż-żgħar.

Indikazzjonijiet tal-politika

F'bosta Stati Membri bi predominanza tradizzjonali ta' trejdjunjins, is-sejbiet jindikaw lejn sehem konsiderevoli ta' kunsilli tax-xogħlijiet, li prinċipalment jaħdmu b'mod konġunt mat-trejdjunjins, iżda f'xi pajjiżi jaħdmu bħala korpi indipendenti. Pereżempju, f'xi wħud mill-Istati Membri l-ġodda (il-Polonja, ir-Rumanija, il-Latvja, l-Ungerija), iżda wkoll fir-Renju Unit, fejn minħabba bidliet riċenti fil-leġiżlazzjoni, il-kunsilli tax-xogħlijiet huma pjuttost forma ġdida, id-dejta tal-istħarriġ turi b'mod ċar inċidenza u kopertura ferm ogħla tal-kunsilli tax-xogħlijiet bħala l-unika forma ta' rappreżentazzjoni milli hemm dokumentat fir-rapporti nazzjonali.

Dan jista' jindika illi l-istħarriġ sab xi żviluppi ġodda li għadhom ma jidhrux fl-istatistiċi fuq livell nazzjonali. Dawn l-iżviluppi ġodda jistgħu jirriflettu l-impatt tat-traspożizzjoni tad-Direttiva 2002/14/KE fil-promozzjoni tal-infurmazzjoni u l-konsultazzjoni. Jista' jkun hemm bżonn ta' iżjed analiżi biex jiġi stabbilit jekk dan hux qed irawwem tendenza Ewropea lejn żewġ kanali, li tgħaqqad il-kunsilli tax-xogħlijiet b'irwol ta' atturi tat-trejdjunjins fuq il-postijiet tax-xogħol mar-rappreżentazzjoni tal-impjegati.

Aktar infurmazzjoni

Ir-rapport dwar *Ir-rappreżentazzjoni tal-impjegati fuq livell ta' stabbiliment fl-Ewropa* huwa disponibbli fuq <http://www.eurofound.europa.eu/publications/htmlfiles/ef1143.htm>

Kuntatt: Carlos Vacas
cva@eurofound.europa.eu